MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2005

Numru 613/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonovitch Muscat)**

**vs**

**IVAN LOMAX**

**Illum 21 ta' Ottubru, 2005**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Ivan Lomax ta' 24 sena, bin Philip u Silvia nee` Bugeja, imwieled Pieta`, fl-1 ta' Awwissu 1980, u residenti Lay Lay Complex, Flt. 5, Ent. B, Blk.2, Triq in-Nadur, M'Scala, detentur ta' karta ta' l-identita Maltija bin-numru 354780M gie akkuzat talli:

f’dawn l-ahhar snin, bejn it-3 t’April 2003 u t-23 ta’ Settembru 2004, f’dawn il-Gzejjer, fil-kuntest ta’ xiri ta’ proprjeta sitwata Block 2, Entrance B, Flat 5, Triq in-Nadur, M’Scala

a. b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ iktar minn LM1,000.00 ghad-dannu ta’ bank kummercjali u ta’ diversi persuni;
b. u aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/persuni ohra, is-somma ta’ iktar minn LM1,000 ghad-dannu ta’ bank kummercjali u ta’ diversi persuni, liema somma giet fdata jew ikkunsunnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;
c. u aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra iffalsifikati, illi meta jigu prezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern;
d. u aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, kitba jew skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, falz;
e. u aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn dikjarazzjoni falza jew certifikat falz, maghmul jew moghti, minn ufficjal jew impjegat pubbliku illi, minhabba il-kariga jew l-impjieg tieghu, hu fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat; kif ukoll talli xjentement ghamel uzu minn falsifikazzjoni li saret minn xi persuna li mhix ufficjal jew impjegat pubbliku b’abbuz ta’ awtorita’;
f. u aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn skrittura privata iffalsifikata li tkun tista’ taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

g. u aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u fil-fatt ghadu qed jikkopera llum fir-rigward ta' terzi persuni u inoltre l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu konsapevoli li l-imputat ghandu arrangamenti mal-parte civile biex ihallas lura dak kollu dovut lill-parte civile.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara ukoll li f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti skond l-Art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 308, 309, 310, 293, 169, 184, 186, 187(2) u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Ivan Lomax, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta

fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u fil-fatt ghadu qed jikkopera llum fir-rigward ta' terzi persuni u inoltre jiddikjara li hu konsapevoli li l-imputat ghandu arrangamenti mal-parte civile biex ihallas lura dak kollu dovut lill parte civile u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Ivan Lomax ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u sitt mitt Liri Maltin (Lm600) multa u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum l-imputat Ivan Lomax jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li l-Qorti rat li ma jirrizultax li gew inkorsi spejjez a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'din il-kawza (ara wkoll dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta ta' llum in rigward u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza), tichad it-talba.

Inoltre l-Qorti qed taghti lill-imputat Ivan Lomax l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti tordna a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------